MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 269/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-3 ta' Awissu 2005 li permezz tagħha l-attur ppremetta:

Illi l-kontendenti żżewġu fil-11 ta' Settembru 1975 skond iċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. AV 1;

U illi mill-imsemmi żwieġ il-kontendenti kellhom żewġt itfal li llum huma kollha maġġorenni;

U illi l-konvenuta rrendiet il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibli, *stante* li hija ħatja versu l-attur ta'

adulterju, vjolenza, sevizzi, minaċċi, insulti u nġurji gravi u għalhekk iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-konvenuta;

U illi l-kontendenti ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu bl-istanti permezz tad-Digriet appożitu tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) – Digriet numru ___/___, datat 21 ta' Ġunju 2005, hawn anness u mmarkat Dok. AV 2;

U illi l-attur ma hux il-parti ħatja u ma għandu ebda tort għat-tkissir taż-żwieġ u ħadem u stinka biex ikollhom id-dar konjugali u ma jkunx ġust fiċ-ċirkostanzi li fis-sentenza finali d-dar in kwistjoni tinbiegħ, u allura hemm lok li din il-Qorti teżerċita l-poteri lilha konferiti, fis-sens illi l-attur għandu jibqa' jabita fl-imsemmija dar konjugali.

Tgħid għalhekk l-istess konvenuta l-għaliex m'għandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna, u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba t-tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attur jgħix separatament minn mal-konvenuta.

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenuta lill-attur għalih u tordna u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex tħallas lill-attur dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, u tordna illi dawn l-alimenti jiġu mħallsa lill-attur billi jitnaqqsu direttament minn sehem il-mara mill-komunjoni tal-akkwisti u jiġu akkreditati favur l-attur.

3. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tipperċepixxi kwalsiasi forma ta' manteniment mingħand l-attur.

4. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta'

Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret mill-attur.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali, u tassenja porzjon lill-attur u porzjoni lill-konvenuta *ope senteniam*. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti tal-eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tirrestitwixxi lill-attur il-beni kollha dotali u / jew parafernali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas li l-konvenuta tagħmel dan, tikkundannaha tħallas lill-attur dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u / jew parafernali sudetti.

7. Tawtorizza lill-attur sabiex jgħid u jabita fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenuta u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop.

Bl-ispejjeż kollha nkluż dawk waqt il-proċess ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fl-1 ta' Settembru 2005, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.

2. Illi huwa l-attur li rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli *stante* li huwa ħati ta' vjolenza, sevizzi, minaċċi, u nġurji gravi versu l-konvenuta, u għalhekk iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-konvenut.

3. Illi l-attur jaħdem bħala prinċipal fid-Dipartiment tad-Dwana u jaqla' aktar minn martu u għalhekk taħt l-ebda ċirkostanzi m'għandu dritt li jipperċepixxi manteniment mingħand martu.

4. Illi l-art fejn inbniet id-dar matrimonjali nxtrat mill-partijiet f'isem it-tnejn u mħallsa mit-tnejn nofs bin-nofs, u d-dar inbniet ukoll minn flus it-tnejn, u dan għaliex l-eċċipjenti dejjem ħadmet u stinkat biex ikollhom id-dar konjugali.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenuta li permezz tagħha ppremettiet:

Illi l-attur huwa ħati ta' vjolenza, sevizzi minaċċi u nġurji gravi fil-konfront tal-konvenuta.

Illi *in oltre* l-ħajja matrimonjali bejn il-kontendenti hija mpossibbli minħabba inkompatibbilta' ta' karattru.

Jgħid l-attur għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet imsemmija, li huma mputabbli lill-attur;

2. Tikkomina kontra l-istess attur l-provvedimenti tal-artikolu 48 u l-artikoli 51 sa 61 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u in partikolari illi l-attur iddekada mid-drittijiet suċċessorji tiegħu fil-konfront tal-konvenuta;

3. Tillikwida xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, tillikwida u taqsam l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull wieħed mill-partijiet, *occorrendo* bin-nomina ta' periti nominandi;

4. Tordna l-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-assi immobbli f'każ li jirriżulta li dawn ma jistgħux jiġu komodament diviżi;

5. Tikkundanna lill-attur jirrestitwixxi lill-konvenuta l-proprjeta' kollha tagħha parafernali jew il-valur tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li permezz tagħha espona:

1. Illi għalkemm huwa minnu li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok għal separazzjoni personali bejn il-kontedenti, dan pero' ġara biss minħabba tortijiet u ħtijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenuta rikonvenzjonanta hekk kif indikat fiċ-ċitazzjoni attriċi. Di fatti l-eċċipjenti qiegħed għal darba oħra jirreferi għal u jikkonferma dak kollu minnu dikjarat u mitlub fiċ-ċitazzjoni attriċi, u kwindi l-kawżali u t-talbiet imsemmija fil-kontro-talba tal-konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda *in toto*.

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta rikonvenzjonanta.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet;

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2005 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Neville Camilleri bħala Perit Legali, u r-rapport tal-istess Perit Legali debitament maħluf;

Rat id-diversi digrieti oħra tagħha;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Mario Cassar ukoll debitament maħluf;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġia’ ingħad l-attur qed jitlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f’xulxin għal dan; tant illi l-konvenuta pproponiet da parti tagħha kontro-talba fejn għamlet l-istess talbiet. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u l-Qorti li kellha opportunita’ tisma’ lill-partijiet jixhdu dwar wieħed mir-rikorsi li ġew preżentati mill-attur *pendente lite* ġadet idea tajba tal-karattru tal-partijiet, u għalhekk tista’ tiġġudika aħjar dwar tort ta’ min tfarrak iż-żwieġ. Ma setax jonqos lanqas li waħda mill-kontestazzjoni prinċipali kienet dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti għalhekk se titratta l-vertenzi f’paragrafi għalihom.

**PROVI PRODOTTI**

1. L-attur xehed u ressaq is-segwenti provi:

(i) Id-dikjarazzjoni ġuramentata annessa maċ-Ċitazzjoni tiegħu;
(ii) Id-dikjarazzjoni ġuramentata fin-Nota ta’ Eċċezzjonijiet tiegħu għal Kontro-Talba ppreżentata mill-konvenuta;
(iii) Affidavit tiegħu stess;
(iv) Waqt Seduta 5 u 11;
(v) Affidavit Ulterjuri tiegħu stess;
(vi) Affidavit Responsiv għall-affidavit tal-Konvenuta;
(vii) Affidavit tal-attur rigward id-depożizzjoni ta’ martu dwar is-*safe* tal-Bank of Valletta;
(viii) Adrian Borg, rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc (Seduta 2);
(ix) Audrey Ghigo, rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc (Seduta 3, 4 u 5);

(x) Joe Borg Cardona, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc (Seduta 2, 4, 7, 9 u 14);
(xi) Maria Therese Busuttil, rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc (Seduta 5);
(xii) Victor Dimech, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, Marsa (Seduta 8 u 16);
(xiii) Jeanette Lepre, rappreżentanta tal-Lombard Bank (Malta) plc (Seduta 2);
(xiv) Robert Dimech, rappreżentant tal-Lombard Bank (Malta) plc (Seduta 4);
(xv) Josette Agius, rappreżentanta tal-APS Bank Limited (Seduta 4);
(xvi) Alfred Sammut, rappreżentant tal-Malta Stock Exchange (Seduta 2 u 3);
(xvii) Tony Briguglio, rappreżentant ta' Diviżjoni tal-Edukazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni (Seduta 4 u 5);
(xviii) ______*omissis* ______ (Seduta 7, 9, 10 u 11);
(xix) Affidavit ta' _____ *omissis* _____;
(xx) _____ *omissis* ____ (Seduta 8);
(xxi) Il-konvenuta (Seduta 10);
(xxii) _____ *omissis* ____ (Seduta 12);
(xxiii) Silvano Cristauro, rappreżentant tal-European Union Programme Unit (Seduta 13);
(xxiv) Dr. Anthony Bonnici, rapprezentant tal-GoMobile (Seduta 14);
(xxv) Prokuratur Legali Noel Scerri, rappreżentant tal-Maltacom plc (Seduta 14).

2. Fl-affidavit tiegħu l-attur A jgħid illi hu u martu l-konvenuta ngħaqdu fiż-żwieġ fil-11 ta' Settembru 1975 minn liema żwieġ twieldu żewġt ulied, illum maġġiorenni. Filwaqt li hu jaħdem bħala Prinċipal mal-Gvern, martu hija Assistant Headteacher fi skola tal-Gvern. Jgħid li l-problemi fiż-żwieġ bdew fl-2001. Jgħid ukoll li martu bdiet toħroġ ta' spiss u din ddum barra mis-7:30 a.m. sad-9:00 p.m. Kien isajjar hu u kien inaddaf hu wkoll u jara x'għandhom bżonn it-tfal. Jgħid li martu kienet qed tkun il-ħin kollu fil-preżenza ta' C, il-Head Teacher fl-iskola fejn tgħallem l-istess martu. Jgħid li kien hemm xi ħaġa aktar minn ħbiberija bejn C u martu. Esebixxa messaġġi li tawh it-tfal tiegħu li martu kienet tibgħat lil C minn liema messaġġi jgħid li kellu prova li martu kellha relazzjoni ma'

C. Wara li ffaċċja lil martu b'dawn il-messaġġi, minkejja li hu kien lest li jerġa' jilqagħha lura, martu ma skużatx ruħha miegħu. B'hekk martu spiċċat tiġġieled u tgħajjat kull meta tara lilu u lit-tfal. Jgħid ukoll li martu qaltlu li ma kienitx obbligata taħsillu l-ħwejjeġ, li tagħmel ix-xirja, li m'hijiex obbligata tgħidlu x'ħin toħroġ, x'ħin tidħol, fejn sejra u ma' min u li biex issiefer ma kellhiex għalfejn tieħu permess mingħandu.

Jgħid li martu kienet tuża l-*flat* tagħhom ġo _________ sabiex tiskarta ma' C, li hu jsejjaħ bħala "xbintha". Jgħid li kien ikun jaf kull darba li martu tkun tmur il-*flat* għaliex kien jagħmel biċċa *plastic* wara l-bieb u li meta martu ndunat b'dan, martu spiċċat tuża xi *garage* li hu sar jaf li qed tużah mit-telefonati.

Jgħid li martu u C siefru tmien darbiet flimkien, li jinkludu safar fuq xogħol u safar ieħor. Jgħid ukoll li martu ma tridx tiffirma sabiex ż-żewġ *flats* fil-Qajjenza li huma proprjeta' tagħhom jduru fuq it-tfal tagħhom, u dana peress illi minkejja li kienet qablet li dawn jingħataw lit-tfal, biddlet fehmitha wara li kixfuha.

Jgħid li martu għandu *safe deposit box* mal-Bank of Valletta. Jgħid ukoll li martu żżomm flus u dokumenti tal-banek għand C u li martu tirċievi korrispondenza ta' banek u *statements* ta' *accounts* għand oħtha D.

Esebixxa traskrizzjoni tat-telefonati rrekordjati bejn martu u C, liema telefonati saru fuq in-numru 21465450 li huwa fuq ismu. Jgħid li f'dawn it-telefonati, martu tirridikolah fl-aktar affarijiet intimi ma' C, li tissuġġerilha u li martu anke tiftaħar magħha li teħodlu minn kollox u kull ma jkollu bżonn: kunserva, patata, basal, karawett, għaġin il-forn ecc.

Jgħid li martu abbandunat lilu u lil uliedhom għal kollox u minn kollox. Jgħid ukoll illi r-responsabbilta' għat-tifrik taż-żwieġ hija ta' martu. Jgħid ukoll is-segwenti:

(a) M'hemmx kwistjoni ta' kura u kustodja, aċċess u manteniment għat-tfal peress li dawn huma maġġorenni.

Pero' jgħid li hu u martu għandhom jipprovdulhom f'sehem indaqs dak li jkollhom bżonn.

(b) Rigward manteniment, martu m'għandha assolutament ebda dritt ta' manteniment min għandu. Jitlob li jiġi dikjarat li hi ddekadiet mill-manteniment u jiġi applikat kontra tagħha l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret minnu.

(c) Rigward kommunjoni tal-akkwisti, jgħid li l-immobbli huma s-segwenti:

(i) Dar matrimonjali f'___________;
(ii) Flat f'________________;
(iii) Garage u żewġ *flats* f'____________.

Jaqsam il-mobbli fis-segwenti:

(i) Tliet vetturi;
(ii) Kontijiet il-Banek;
(iii) Investimenti;
(iv) Esebixxa lista ppreparata minnu tal-kontijiet u investimenti li għandhom flimkien mal-*istatement* relattiv tagħhom;

(d) Jipproproni s-segwenti:

(i) Il-flus kollha jinqasmu bin-nofs;
(ii) Hu jieħu d-dar f'___________;
(iii) Martu tieħu l-*flat* f'____________
(iv) Il-*flats* f'_____________ jingħataw lit-tfal.

3. F'Seduta 5 l-attur esebixxa bħala Dok. "C" sa "F" stimi ta' proprjetajiet immobbiljari tal-partijiet minn espert *ex parte* tal-attur u listi magħmula minnu tal-kontijiet tal-bank u investimenti.

4. F'Seduta 11 l-attur esebixxa affidavit ulterjuri tiegħu mmarkat bħala "XA" flimkien ma' Dok "XX". Jgħid li Dok. "XX" huwa kopja ta' dokument miktub minnu li tah lill-

konvenuta biex jaraw jekk setgħux jevitaw milli jidħlu l-Qorti. Dan kien proposta tiegħu biex issir separazzjoni bonarja. Dan kien fil-bidu tas-sena 2005.

5. Fl-affidavit ulterjuri tiegħu l-attur isostni li l-problemi bejniethom bdew meta hu skopra l-messaġġi li esebixxa u ċioé meta nduna li martu kienet qiegħda taqlibhielu ma' mara oħra. Jgħid li qabel dak iż-żmien, iż-żwieġ tagħhom ma kellux problemi.

Jagħmel riferenza għal diversi ritratti esebiti mal-affidavit tal-konvenuta. Rigward is-safar, jgħid li hu qatt ma kien ikun jaf li martu kienet ser issiefer pero' kien jiskopri kollox wara mill-ftit stħarriġ li kien ikollu jagħmel. Jagħmel riferenza wkoll għal *recordings*, għas-*safe* tal-Bank of Valletta u għall-fatt li martu ddizonorat il-familja.

6. Fl-affidavit responsiv tiegħu għall-affidavit tal-konvenuta, l-attur jgħid li l-affidavit ta' martu hu kollu gideb, tgħawwiġ tal-fatti u argumenti. Jiċħad li hi ħarġet flus aktar minnu biex inbniet id-dar. Jgħid li ħadem ħafna sabiex setgħet titlesta d-dar matrimonjali nkluż tikħil, kisi ta' soqfa, dawl u ilma, u li anke l-għamara tal-kamra tas-sodda tat-tifla l-kbira għamel hu u anke l-linef ta' mas-saqaf ħadem hu. Tul l-affidavit responsiv tiegħu, l-attur igiddeb lil martu fuq diversi istanzi relatati ma' flus, inkluż meta tgħid li kienet tagħti l-privat u kienet tagħti l-flus lilu. Jirriżulta wkoll li sas-sena 2000 ma kellux *account* fuq ismu biss iżda kien fuq it-tnejn b'*cheque book* għandu u ieħor għandha. Jgħid li fis-sena 2000 kellu jagħmel *account* fuq ismu biss fuq insistenza tagħha.

Jgħid li l-konvenuta m'hijiex kapaċi taqli bajda jew taħraqha jew tifqagħlha l-isfar. Rigward safar, ma jkunx jaf fejn ser issiefer u aħseb u ara fejn sejra u ma' min sejra. A rigward ħruġ, jgħid li għal snin twal nhar ta' Sibt jew nhar ta' Ħadd kienu joħorġu jieklu f'xi *restaurant*. Jgħid li martu iddiżonorat l-familja u li huwa sar jistħi joħroġ mill-bieb 'il barra. Jiċħad li vvoljenta lill-konvenuta u lil uliedhom. Jgħid li minkejja l-mandat ta' sekwestru fuq is-*safe* mal-Bank of Valletta, martu laħqet sparpaljat il-flus kollha li serqitu għand ħutha u għand C.

7. Il-Prokuratur Legali ADRIAN BORG, rappreżentant tal-HSBC Bank Malta plc jgħid li minn riċerka li saret fuq l-attur fl-aħħar għaxar snin, irriżulta illi hemm kont wieħed li nfetaħ fil-11 ta' Settembru 2000, liema kont huwa *current account* bin-numru ____________, liema kont għadu miftuħ u jirriżulta illi sas-27 ta' Jannar 2006 hemm bilanċ ta' Lm 3932.52. L-*istatement* ġie mmarkat bħala Dok. "AB 1".

Rigward kontijiet bankarji f'isem il-konjuġi konġuntivament rriżulta illi hemm *current account* bin-numru __________ li nfetaħ fit-2 ta' Marzu 1985 u nagħlaq fil-31 ta' Mejju 2003. L-*istatement* relattiv ġie mmarkat bħala Dok. "AB 2".

8. AUDREY GHIGO, rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta plc, tgħid li minn riċerka fuq kontijiet tal-konvenuta, irriżulta illi hemm tlitt kontijiet u VISA Card. Dawn huma s-segwenti: (a) Current Account bin-numru ____________ li nfetaħ fit-8 ta' Awissu 2000, u sat-2 ta' Frar 2006 kellu bilanċ ta' Lm5.00, li ġie mmarkat bħala Dok. "AG 1", (b) Savings Account bin-numru ____________ li nfetaħ fl-4 ta' Marzu 2004 u sat-2 ta' Frar 2006 juri li hemm bilanċ ta' Lm3,447.12 kif jidher minn Dok. "AG 2", (c) Kont f'munita Sterlina bin-numru ____________ li nfetaħ fil-5 ta' Mejju 2004 li juri bilanċ ta' GBP 591.19 sat-2 ta' Frar 2006, kif jidher minn Dok. "AG 3", (d) Dok. "AG 4" huwa *statement* ta' VISA Card bin-numru ____________ li nfetaħ fit-22 ta' Frar 2005.

Tikkonferma li l-bank rċieva *instructions* mill-Gvern sabiex bħala l-*employer* tal-konvenuta, huma jikkreditaw il-kont tagħha.

Esebiet bħala Dok. "AG 5" *statement* ta' *current account* ____________ li jsejjaħ lill-konjuġi. Tgħid li dawn ikopru s-snin 1996 sal-2001.

9. JOE BORG CARDONA, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, jixhed li wara li saret riċerka fuq l-attur, irriżulta illi f'ismu biss m'hemm l-ebda kont miftuħ. Jixhed

ukoll li f'isem il-konvenuta hemm żewġ kontijiet: (a) *savings account* bin-numru ____________ li nfetaħ fis-16 ta' Frar 1999 u ngħalaq fis-7 ta' Jannar 2000, li ġie mmarkat bħala Dok. "JBC 1", u (b) kont bin-numru __________ li nfetaħ fis-7 ta' Jannar 2000 u li għadu miftuħ u li għandu bilanċ ta' Lm793.80, li ġie mmarkat bħala Dok. "JBC 2". Iż-żewġ kontijiet huma ntestati f'isem il-konvenuta pero' indikati bħala "a/c ______". Kont "JBC 2" huwa kont *fixed* li jimmatura fis-7 ta' Jannar 2010.

Jixhed li fuq isem iż-żewġ partijiet irriżulta illi hemm kont wieħed bin-numru ___________ li nfetaħ fid-9 ta' Ġunju 1999 u ngħalaq fis-27 ta' Mejju 2003, li ġie mmarkat bħala Dok. "JBC 3".

Jixhed li rriżulta li l-konvenuta kellha *safety deposit box* u ta' dan eżebixxa Dok. "AA". Jgħid li dan infetaħ fis-27 ta' Mejju 2005. Jikkonferma li hemm mandat fuq is-*safety box* u li l-klijenta la tista' tiddepożita affarijiet oħra jew tirtira dak li hemm. Jirriżulta li dan ġie *blocked* fit-8 ta' April 2005.

Esebixxa kopja tal-mandat ta' sekwestru numru __/__ li ġie ppreżentat fit-3 ta' Awissu 2005. Jgħid li l-bank iffriża l-kontijiet fl-4 ta' Awissu 2005 u l-*facilities*, inklużi s-*safety deposit box*, min-naħa tal-Branch kien sar fil-11 ta' Awissu 2005 pero' jispeċifika li l-ammonti kien kollu bblokkjat mill-4 ta' Awissu 2005. Esebixxa dokumenti relattivi bħala Dok. "DD" sa "FF". Ikkonferma illi s-*safety deposit box* infethet l-aħħar darba fis-27 ta' Mejju 2005 u fil-15 ta' Lulju 2005.

Esebixxa kopja tal-*log sheet* ta' *safety deposit box* tal-konvenuta li ġie mmarkat bħala Dok. "AAA".

Esebixxa *agreement form* ta' *safe deposit box* f'isem il-konvenuta, liema dokument ġie esebit bħala Dok. "JBC 4". Jgħid li dan huwa l-oriġinal. Wara li ġie muri Dok. "MTB 1" u d-dokument li ppreżenta u mitlub jispjega l-għala illi d-data fl-oriġinal tidher li hi 15/7/05 bis-7 tidher miżjud mentri fil-kopja tidher 15/9/05, jwieġeb li ma jista'

jgħid xejn fuq din pero' jkun jista' jiċċekkja mal-*branch manager* u mal-ispetturi tagħhom.

10. MARIA THERESE BUSUTTIL, rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc, tgħid li s-*safety deposit box* tal-konvenuta ġiet miftuħa darbtejn mill-konvenuta: fis-27 ta' Mejju 2005 u fil-15 ta' Settembru 2005. Esebiet dokument relattiv bħala Dok. "MTB 1".

Mistoqsija tgħid kif jista' jkun illi s-*safe* ġie wżat wara li kien *blocked*, wieġbet li mhijiex f'pożizzjoni li tagħti tweġiba.

11. VICTOR DIMECH jixhed li huwa Floor Manager tal-Branch tal-Bank of Valletta tal-Marsa. Jgħid li biex tinfetaħ is-*safety deposit box*, il-persuna nkarigata mill-Bank biex tiftaħha trid tkun waħda mill-firmatarji.

Wara li ġie mitlub jispjega d-diskrepanza fid-dati li hemm fil-*log ta' safety deposit locker*, 5b, jgħid skond hu m'hemmx diskrepanza fid-dati peress illi skond in-normi bankarji, meta jiġi ppreżentat sekwestru l-Qorti, l-uffiċċju legali tal-bank jinfurmahom u huma jimblukkaw il-facilita' tal-*locker* u jimmarkaw ukoll il-bieba tal-kexxun li tkun fil-*vaults* biex żgur ħadd ma jiftaħha. Jgħid li jista' jagħti l-każ illi l-uffiċjal tal-bank ikun ħa żball fid-data tax-xahar u dana dejjem *in bona fede.*

Jgħid illi s-*safe deposit locker* infetaħ f'Lulju 2005, ċioé qabel sar is-sekwestru, u d-diskrepanza li hemm bejn Lulju u Settembru hija x'aktarx żball li sar *in bona fede*. Ikkonferma li meta wasal is-sekwestru, ġie bblukkjat is-*safe deposit locker*, pero' d-data ma jiftakarhiex. Ma jkunx jaf jekk il-klijenta jew il-klijenti x'oġġetti jqiegħdu jew joħorġu mis-*safe deposit box*.

Jgħid li m'huwiex ċert li s-*safety deposit box* infetħet fil-15 ta' Lulju 2005 u jista' jkun li nfethet f'ġurnata oħra. Għaraf il-firma tiegħu fuq il-*log* tal-bank f'Dok. "JBC 4" li hija t-tieni waħda. Ma għarafx ta' min hi l-firma l-oħra. Jgħid li mid-dokument jara li s-*safety deposit box* infetħet fil-15 ta' Settembru 2005.

Rigward il-firma l-oħra, jgħid li ma jistgħux jintraċċjaw din ta’ min hi għax il-firma mhijiex konsistenti mal-firem tar-*records* tal-bank. Jispjega li ċ-ċavetta tas-*safety deposit box* għada għand il-klijenta u li dik iċ-ċavetta hija waħda pero’ qatt ma ntużat aktar drabi minn skond kif jidher fil-*log*. Jgħid li s-*safe deposit locker* infetaħ żgur darbtejn pero’ mhux neċessarjament fid-dati ndikati.

12. JEANETTE LEPRE, rappreżentanta tal-Lombard Bank Malta plc, tgħid li minn riċerka li saret fuq isem l-attur, ma rriżulta li kien hemm ebda kont f’ismu jew ma’ ħaddieħor.

13. ROBERT DIMECH, rappreżentant tal-Lombard Bank (Malta) plc jgħid li wara li saret riċerka fuq isem il-konvenuta irriżulta illi mal-bank ma kellha l-ebda kontijiet bankarji.

14. JOSETTE AGIUS, rappreżentanta tal-APS Bank Limited tixhed li minn riċerka li saret fuq il-partijiet Vella, irriżulta li ma kellhom l-ebda kontijiet mal-bank.

15. ALFRED SAMMUT, rappreżentant tal-Malta Stock Exchange, jgħid li mir-riċerka li għamel fuq l-attur, irriżulta li għandu tliet *stocks* tal-Gvern fuq ismu waħdu. Esebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. “AS 1”.

A rigward r-riċerka li saret fuq il-“joint”, esebixxa Dok. “AS 2” li juri li hemm żewġ investimenti, u jista’ jagħti l-każ illi MGS 2002 seta’ ġie “redeemed”.

Ippreżenta bħala Dok. “AS 3”, li juri erba’ kontijiet: żewġ kontijiet f’isem il-konvenuta waħedha, ieħor f’isem il-konjuġi Vella flimkien u kont ieħor f’isem l-attur waħdu.

B’riferenza għall-kont indikat bin-numru _________, qal li dawn huma tliet *stocks* differenti: l-MGS _____ jimmatura fis-sena 2018, l-MGS 2005 ġie *redeemed,* u l-MGS _____ jimmatura fis-sena 2014. Jispjega li l-kontijiet indikati bħala *redeemed* issarfu u tħallsu.

Rigward l-MIA plc *ordinary shares*, dawn inxtraw mill-konvenuta fl-10 ta' Novembru 2005. Jixhed li l-kontijiet f'isem il-partijiet individwalment, jistgħu jinbiegħu biss bil-firma tal-parti rispettiva. Ovvjament għar-rigward dawk il-kontijiet f'isem iż-żewġ partijiet, tinħtieġ il-firma taż-żewġ partijiet. Iċ-*cheque* relattiv joħroġ f'isem it-tnejn li huma f'dan il-każ.

16. TONY BRIGUGLIO, rappreżentant tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni jixhed li l-konvenuta taħdem bħala *"assistant head"* tal-iskola primarja ta' __________. Ippreżenta bħala Dok. "TB 1" li fih hemm kopja tal-P3 għas-sena 2005 u l-paga tas-sena 2006. L-ammont indikat f'Dok. "TB 1" bħala Lm8,601, jgħid illi hemm xi *allowances* li jitħallsu bis-siegħa. Jgħid li bħala *assistant head of school*, il-konvenuta titħallas fuq skala 7 u t-Lm300 indikati f'Dok. "TB 1" bħala *fixed allowance*, titħallas lil dawk li huma *assistant head* u li għandhom diploma. Il-Lm8,081 tinkludi l-għoli tal-ħajja u l-*increments*, jekk ikun il-każ.

Esebixxa bħala Dok. "TB 2" lista ta' *allowances* kollha li rċeviet il-konvenuta fil-perijodu bejn is-sena 1995 u 2005.

17. C tgħid li lill-konvenuta tafha billi hija kollega tagħha tax-xogħol. Tgħid li hija l-Kap tal-iskola ___________________, mentri l-konvenuta hija l-assistenta Kap. Tgħid li ilhom jafu lil xulxin minn Jannar 2002. Tgħid li billi ma kellhiex ħbieb, saret ħabiba tal-konvenuta flimkien ma' nies oħrajn tal-istaff. Tispjega li l-ħbieb tagħha kienu dejjem kollegi tax-xogħol u dan anke rigward il-ħruġ tagħha. Tgħid li llum-il ġurnata huma mhux biss kollegi pero' huma ħbieb u dik il-ħbiberija tgħin fix-xogħol tagħhom. Tixhed li bħala ħbieb u kollegi tax-xogħol ġie li ħarġu flimkien u kif ukoll ġo grupp. Rigward ħruġ flimkien tispeċifika u tgħid illi ħafna drabi dan ikun għal qadi tal-iskola u dan billi hi ma ssuqx u l-konvenuta toffri li twassalha hi. Tgħid li meta jagħmlu l-qadi tal-iskola, l-biċċa l-kbira jieqfu jieħdu kafé x'imkien. Rigward il-frekwenza, tgħid illi l-qadi jkun ta' spiss fi żmien il-*budget* minħabba li ma jixtrux b'ordni pero' jmorru personalment peress illi meta kienet tordna kienu jibgħatulha ħaġa

b'oħra. Dan il-qadi isir wara l-ħinijiet tal-iskola minħabba li m'huwiex permess isir f'dawk il-ħinijiet. Mistoqsija tgħid kemm idum il-qadi, tgħid li jiddependi skond kemm il-qadja jaqdu flimkien. Jekk il-ħwienet jibgħatuhom fi ħwienet oħra, il-qadja titwal. L-iktar li ddum jkun sat-8:00 p.m. u fejn ikunu jistgħu jisimgħu quddies ukoll. Tixhed li l-qadi ta' fil-għaxija dejjem isir mal-konvenuta għax dejjem toffrilha biex jagħmlu dan il-qadi u minħabba li l-assistent kap l-oħra ma ssuqx. Tgħid li apparti l-qadi, joħorġu wkoll bħala ħbieb. Il-tnejn iħobbu t-teatru u jiddeċiedu li jmorru.

Tixhed li hija xebba u għandha ħafna ħbieb. Mistoqsija tgħid ma' min toħroġ meta toħroġ regolari, tgħid li l-biċċa l-kbira toħroġ ma' kollegi tax-xogħol, per eżempju E minn Ħ'Attard, li hi xebba, F minn H'Attard, li hi xebba, il-konvenuta u ġie li jkunu gruppi akbar. Tgħid li m'għandhiex *boyfriend*. Tgħid li ġieli kellha *boyfriend* u li dan kien sakemm kellha 35 sena. Mistoqsija tgħid kemm-il darba siefret mal-konvenuta, tgħid bejn sitta u seba' darbiet u dan fl-aħħar 3 / 4 snin. It-tul tal-btala kienet tkun tul ta' ġimgħa u tgħid li jkun hemm jumejn *travelling* u bejn 3 ijiem u 4 kienu jgħadduhom bilfors l-iskola. Is-safar kollu li semmiet ħlief dik tal-French Riviera, kien kollu fuq xogħol.

Tgħid illi meta kellhom *funds* biżżejjed ħadu kmamar separati u meta ma kellhomx biżżejjed ħadu *double room*. Tgħid li darbtejn żgur, u dawn kienu l-ewwel żewġt idrabi, qagħdu fi kmamar separati, il-kumplament f'kamra waħda għax ma kienx hemm biżżejjed fondi. Il-fondi li qed titkellem fuqhom huma dawk tal-Common Fund.

Tispjega illi l-konvenuta m'hijiex biss il-co-ordinator tal-iskola imma tal-proġett tal-comenius kollu. Tgħid li lill-konvenuta kienet tibgħatilha sms's u li n-numru tagħha kien u għadu ______________. Tikkonferma li lill-konvenuta ġieli kitbitilha *"I love you*", u anke *"I miss you"* u dan tagħmlu lil diversi nies oħra għax hu *mobile language*. Tiċħad li qatt tkellmet jew bagħtet messaġġi b'*undertone sesswali* lill-konvenuta.

Meta kienet tirċievi xi messaġġ bħal *"kemm jien imdejjqa"*, mill-konvenuta, u anke meta kien ikun hemm il-*"kisses" ossia* "xxxx", kienet tistaqsi lill-konvenuta għalfejn tibgħathom u taf li r-risposta tal-konvenuta kienet *"dawk m'huma xejn"* u biex ma tagħtix każhom. Bil-mod il-mod bdiet tinduna li kien hemm xi ħaġa, *"something wrong"*.

Tgħid li l-allegazzjonijiet tal-attur fil-konfront tagħha ċioé li hi lesbjana, hi malafama. Tiċħad li hi qatt kellha jew għandha relazzjoni mal-konvenuta. Tgħid li la qatt kellha tendenzi għal dawn l-affarijiet, u lanqas għandha, u taf żgur li lanqas ser ikollha. Tgħid ukoll li qatt ma kien hemm xi sinjal f'dan is-sens min-naħa tal-konvenuta.

Il-kontenut tal-sms's li kienet tirċievi mingħand il-konvenuta ġagħluha tissuspetta li kien hemm xi ħaġa ħażina fil-ħajja matrimonjali tal-partijiet. Tgħid ukoll illi wħud minn dawn il-messaġġi kienet tarahom żejda u lill-konvenuta kienet tistaqsiha għalfejn kienet tibgħathom u kienet tweġibha biex ma tagħtix każhom għax dawk jintbagħtu b'xejn bl-*internet*. Tgħid li l-sms f'paġna 3 li jaqra *"I love you with all my heart + I don't like being away from u"* kienet tarah żejjed. Tgħid li dawn it-tip ta' messaġġi kienu jdejquha għax il-konvenuta ma kellhiex għalfejn tikteb hekk. Taqbel illi dawn kienu xi ħaġa ta' spiss. Tgħid li lill-konvenuta kienet turiha li kienu jdejquha dawn il-messaġġi.

Mistoqsija tgħid jekk jew qattx żammet flus jew dokumenti ta' B għandha, tgħid illi xi flus tal-*comenius* u darba tatha xi flus personali tagħha sakemm iddeċiediet x'tagħmel bihom. Ma tiftakarx meta tathomlha u jidhirlha li kienu xi elf lira Maltin. Dawn kienu flus kontanti. Żammithom id-dar għandha għal iktar minn ġurnata waħda. Tgħid ukoll illi ġieli żammet kopji tal-*istatements* tal-Banek tal-konvenuta u dan wara li kienet tagħtihomlha għax ma riditx tħallihom fil-kamra tagħha. Tgħid li kienet iżżomm *envelope* apposta biex iżżomm ġo fih dawn id-dokumenti li kienet tagħtiha l-konvenuta.

Tikkonferma li ġieli telgħet _________ mal-konvenuta. Taf ukoll li l-konjuġi għandhom *flat* hemmhekk u li hi

marret bejn tlieta jew erba' darbiet ġol-*flat*. Tgħid li marru darb'oħra fejn naddfuh u ħasluh għax kienu ġejjin xi ħbieb tal-*comenius project* li kienu sejrin joqogħdu hemmhekk.

Tikkonferma li l-*flat* huwa mgħammar u li marret mal-konvenuta l-*flat*. Tgħid li marru darbtejn waħidhom, darb'oħra meta marru jaħsluh u darba kien hemm ukoll *assistant head* oħra. Tgħid li kienu marru hemmhekk biex jippjanaw xogħol tal-iskola, l-i*school development plan.* Jippjanaw dan ix-xogħol kienu jdumu bejn siegħa, siegħa u nofs. Kienu jmorru xi l-10:00 a.m. jew id-9:00 a.m. Jagħmlu sa xi l-10:30 a.m. u l-11:00 a.m, imorru jieħdu kafé u jitilqu lejn id-dar.

Il-konvenuta kienet qaltilha li l-attur kien ilu ħafna jgħidilha li ried ikellimha, hi spiss kienet tgħidlu meta ser jitkellmu, fuq x'hiex ma tafx, u fl-aħħar qalilha li kien ser jiktibilha u wara taha dokument. Din il-parti tiftakarha miktuba u tiftakar kif kien hemm miktub ukoll fid-dokument "XX" sabiex *"inpoggi l-andrenalina f'postha"*. Taf li dan id-dokument ratu meta l-attur kien tah lill-konvenuta. Tgħid li Dok. "XX" wasal xi 6 xhur wara l-kwistjoni tal-sms's. F'dawk is-sitt xhur, hi u l-konvenuta, kienu waqqfu l-ħruġ flimkien u waqqfu kollox barra xi qadi tal-bżonn tal-iskola.

F'dawk is-sitt xhur, il-konvenuta kienet tgħidilha li kull ċaqlila li tkun se tagħmel, l-attur kien jheddidha bil-messaġġi, jgħidilha li jaqfilha barra u joqtolha bil-ġuħ.

18. Fl-affidavit tagħha ____________ tgħid li hi u oħtha ma felħux jaħfrulha lil ommhom u li hi kienet tevitaha kemm jista' jkun. Tgħid li ommha kienet ilha 30 sena tagħmel li trid u li kienet toħroġ mal-ħbieb u kellha l-liberta' kollha li riedet. Tgħid li ommha kienet tistenna lil missierha joħroġ biex iwassal lil oħtha għal xi privat jew ikun xogħol biex iċċempel lil b. Tgħid li meta semgħet lill-ġenituri tagħha jsemmu separazzjoni ħadet ir-ruħ u donnha qamet minn ħolma kerha. Tgħid li meta tara lil ommok tigdeb f'wiċċ missierek u tara lil missierek lanqas jorqod bl-inkwiet lejl wara lejl, is-separazzjoni tkun l-unika soluzzjoni li tibqa'.

Tgħid li l-*flats* tal-___________, missierhom bniehom għaliha u għal oħtha u li ommhom qatt ma ħadet interess f'dawn il-*flats*. Tgħid li missierha kien jgħaddi l-*weekends* jaħdem fihom biex jiffranka l-flus. Tgħid li mindu wrew il-messaġġi lil missierhom, ommha qalet lilha u lil oħtha li dawn il-*flats* setgħu jinsewhom.

19. _____________ tgħid li hija t-tifla tal-partijiet. Tgħid li missierha jieħu ħsiebha, allavolja għandha 29 sena. Hu jsajjar u jħallas il-kontijiet kollha li jirċievu d-dar. Tgħid li l-ħasil tal-ħwejjeġ tagħha, t'oħtha u ta' missierha jagħmilhom hu. Tindif l-iktar li jagħmel missierha, b'daqqa t'id tagħha u ta' oħtha. Tgħid li lil ommha bil-kemm taraha għax minn meta tidħol sakemm toħroġ mid-dar prattikament tissakkar fil-kamra tagħha. Tgħid li ma tridx taf b'ommha. Tgħid li ommha taħdem fil-għodu matul il-ġimgħa pero' fil-għaxija tkun id-dar u li fil-*weekend* tkun id-dar fil-għodu pero' wara nofsinhar toħroġ. Tgħid li din is-sitwazzjoni bdiet f'Jannar 2004. Kellhom suspetti li ommhom kellha relazzjoni mal-ħabiba tagħha B. Tiftakar li darba minnhom rat lil ommha titma lill-ħabiba tagħha bil-kuċċarina u dan sar fil-preżenza tagħha. Tgħid li f'Jannar 2004, ommha kienet msiefra ma' C u li oħtha kienet daħlet fil-website tal-Go Mobile bil-password ta' ommha biex tibgħat xi messaġġi b'xejn u dan kienet tagħmlu bil-*passwords* ta' kulħadd id-dar u daħlet fil-*history* tal-messaġġi li bagħtet ommha u rat dawn il-messaġġi. Ftit mill-messaġġi ma kien fihom xejn pero' wħud minnhom *"they're leading to something"*. Wara li ġiet murija Dok. "A" ppreżentat mal-affidavit tal-attur, ikkonfermat li dawn huma l-messaġġi li qrat u li tatha oħtha. Iddeċidew li jgħidu lil missierhom. F'dan il-mument ommhom kienet għadha msiefra. Tgħid li missierha kien ħadha bi kbira ħafna u li meta ommha ġiet lura mis-safar, il-ġenituri tagħha ngħalqu fis-salott. Tgħid li f'daqqa waħda ommhom marret fil-kċina, fejn kienu hi u oħtha, u akkużathom li kienu qegħdin jippruvaw iġellduha ma' missierha. Tgħid li missierha kien konvint li ried jaħfrilha u li ommhom qatt ma ammettiet li kellha relazzjoni ma' C.

20. IL-KONVENUTA, prodotta mill-attur, mistoqsija tgħid meta kien l-aħħar darba li fetħet is-*safety deposit box*,

tgħid li kien xi Lulju / Awissu 2005. Tgħid li m'hijiex ċerta iżda fetħitha żgur l-aħħar qabel ma siefret il-Finlandja u li l-Finlandja marret f'Settembru 2005. Tgħid li ċ-ċekkijiet li rċeviet fuq isimha, iddepożitathom fi *sterling account* mal-HSBC fuq isimha. Minnhom ġibdet il-flus biex ħallset sehemha tal-perit tal-Qorti. Taqbel illi hemm kontijiet mal-HSBC ta' barra minn Malta illi għalqu u fuqhom m'humiex jieħdu nteressi. Taqbel illi dawn jiġu re-investiti nofs fuqha u nofs fuq ir-raġel.

21. ANTONIO CASELLI jgħid li m'għadux jaħdem l-EUPU: European Union Progamme Unit, taħt liema *unit* isir il-proġett *Comenius*. Jgħid li spiċċa mill-kariga ta' *project officer* għal *comenius* fit-28 ta' Frar 2007 u li l-konvenuta ġieli ħadet sehem fil-progamm *comenius* tul iż-żmien li kien fil-kariga u ġieli siefret ukoll *tramite* l-programm. Ma jiftakarx kemm-il darba siefret. Lil C jafha għax kienet kap ta' skola u jaf li li l-konvenuta u C kienu jaħdmu fuq proġett partikolari.

In kontro-ezami jiftakar illi l-konvenuta kienet il-*co-ordinator* lokali tal-proġetti. Jgħid li hi kienet tikkoordina għalliema oħra fil-proġett.

22. SILVANO CRISTAURO, rappreżentant tal-European Union Progamme Unit (EUPU) li jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni jgħid illi l-EUPU hija responsabbli għall-*management* ta' programmi Ewropej fil-qasam tal-edukazzjoni fosthom is-*socrates programme*. Ippreżenta bħala Dok. "SC 1" dokument li juri min ipparteċipa fil-*units* tal-*comenius*. Mistoqsi jgħid jekk is-safriet li jidhru elenkati f'Dok. "SC 1" jekk ġewx imħallsa kollha mill-*comenius* jgħid li mhux bilfors isir il-ħlas tas-safriet pero' huma joffru somma għall-proġett in kwistjoni u l-iskola tqassam il-flus kif jidhrilha hi.

23. DR. ANTHONY BONNICI, rappreżentant tal-GoMobile, ġie mitlub biex jgħid l-sms's li ntbagħtu bejn ___________ u __________ minnn Ġunju 2003 sa meta rċeva t-taħrika, ċioé l-4 ta' Mejju 2007. Jgħid li bħala kontenut ta' x'ikun nkiteb fl-sms's, il-GoMobile ma żżomm l-ebda *record*. Iżommu biss *profile* jiġifieri meta ntbagħtu

il-messaġġi, meta ġie rċevut, min bagħtu, min irċevih, *comments* (fis-sens jekk ikunx hemm *delivery report* jew le), u jekk l-sms ġiex *delivered* jew le. Dan ġie esebit bħala Dok. "AB 1". Jixhed li n-numru ___________ jidher reġistrat fuq C ta' ________________, bil-karta tal-identita _______(M)). Jgħid li n-numru _________ jidher li huwa reġistrat fuq il-konvenuta. Iż-żewġ linji huma *pre paid* u b'hekk m'hemm l-ebda kuntratt bejn il-kumpanija u d-detalji. Esebixxa bħala Dok. "AB 1" *subscriber details report*.

24. Il-Prokuratur Legali NOEL SCERRI, rappreżentant tal-Maltacom plc, jgħid illi għalkemm sms's jistgħu jintbagħtu bl-*internet*, in-numru _________ jista' jaqbad mal-*internet* pero' hija l-*web page* li tiġġenera l-sms u mhux il-linja tat-telefon.

25. Il-konvenuta xehdet u ressqet is-segwenti provi:

(i) Id-dikjarazzjoni ġuramentata annessa man-Nota ta' Eċċezzjonijiet;
(ii) Id-dikjarazzjoni ġuramentata fil-Kontro-Talba tagħha;
(iii) Affidavit tagħha stess;
(iv) Rispons għall-Affidavit Ulterjuri u Risponsiv tal-attur;
(v) Affidavit responsiv għat-*tapes* li ppreżenta l-attur;
(vi) Affidavit ta' _____ *omissis* ____;
(vii) Affidavit ta' _____ *omissis* ____;
(viii) Affidavit ta' _____ *omissis* ____;
(ix) Affidavit ta' _____ *omissis* ____;
(x) Affidavit ta' _____ *omissis* ____;
(xi) Peter Grima (Assistant Direttur tal-Human Resources tad-Diviżjoni tad-Dwana) (Seduta 18, 19 u 20).

26. Fl-affidavit tagħha, il-konvenuta tgħid li hi u l-attur iżżewġu fil-11 ta' Settembru 1975, minn liema żwieġ kellhom żewġt ulied, illum maġġiorenni. Tgħid li taħdem bħala assistenta kap fi skola tal-Istat u li l-attur huwa Prinċipal mad-Dwana. Tgħid li minkejja li żewġha jgħid li l-problemi fiż-żwieġ bdew fl-2001, il-problemi bdew ħafna snin qabel. Tgħid li hi dejjem pruvat li r-relazzjoni

tagħhom tkun tajba billi titkellem miegħu pero' hu qatt ma kien ikellimha. Tiddeskrivi ż-żwieġ tagħha bħala wieħed unilaterali fejn żewġha dejjem kien il-kmand u ħaddiehor ikun pupazz f'idejh. Tiddeskrivi lill-attur bħala *"it-terrur tad-dar"*. Tgħid li t-tort tas-separazzjoni tagħhom huwa biss l-karattru vjolenti u awtoritarju li għandu żewġha. Tgħid li miegħu ħadd ma seta' jitkellem la hi u anqas it-tfal. Tgħid li anke fejn iżżewġu ried jikkmanda żewġha. Tgħid li minkejja li ma rieditx *cooker* tal-pitrolju għax ma kienitx imdorrija bih, huwa dak ried u dak xtara. Tgħid li żewġha qatt ma riedha toħroġ taħdem imma kienet tagħti l-privat id-dar u tagħti l-flus lilu.

Tgħid li kienet spiċċat għamlet *account* fuq isimha u l-paga tagħha bdiet tidħol fih. Tgħid li l-*card* tagħha kien iridha żewġha tant li hi qatt ma kienet tużaha. Tgħid li sa' Ġunju 2004 żewġha kien imur jiġbed il-flus bil-*card* tagħha minn diversi ATM's. Lilha ma ridhiex tuża l-*card.*

Tgħid li d-dar dejjem kienu jgħixu b'tensjoni kbira għaliex il-ġlied magħha jew mat-tfal kien jinqala' fix-xejn. Tgħid li ġieli lanqas kienet taf għaliex ikun beda jgħajjat u jkisser. Tgħid li hi dejjem ħabbitha d-dar għalkemm kulma kienu jagħmlu u jixtru dejjem kif kien irid hu. Tgħid li għal kull ħaġa ta' xejn l-attur kien jinfexx isabbat u jkisser. Tgħid li hu qatt ma ried joħroġ u kien dejjem fis-salott jara t-*television* u hi waħidha fil-kamra tas-sodda. Tgħid li ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom u li żewġha kien dejjem jaf kollox u dejjem għandu raġun.

Tiċħad li hi qatt ma għamlet xejn id-dar kif jgħid l-attur. Anzi tgħid li kien r-raġel tagħha li qatt ma kien jagħmel xejn ħlief meta kien ikollu aptit isajjar u jħalli kċina kollha ħmieġ. Tgħid li għalkemm żewġha kien iħobb isajjar, it-tindif tal-kċina dejjem hi għamlitu, bħal bqija tat-tindif tad-dar. Tgħid li l-interess fil-familja dejjem urietu u li t-tfal dejjem lilha kienu jfittxu meta riedu xi ħaġa jew meta daħlu f'xi saram. Tgħid li kienet tara li ma kien jonqos xejn għall-ħajja u li kienet taħsel il-ħwejjeġ ta' kulħadd u tagħmel li kien ikun hemm bżonn fid-dar. Tgħid li qatt ma kellha ċwievet tal-*flats* u tal-*garage* li għandhom

Birżebbugia. Tgħid li l-attur dejjem għamilha ċara li hi kienet inferjuri għalih.

Tgħid li żewġha dejjem qies li flushom, ċioé flusha u flusu, kienu kollha tiegħu biss. Tgħid li bħala ħruġ, ma kienx hemm ħlief għand ommu nhar ta' Ħadd sa ma mietet. Tgħid li kien jitlagħlu bl-ikrah. Tgħid mindu mietet ommu fl-1998, daqshekk ħarġu. Tgħid li moħħu kien biss biex jara t-*television* u li lanqas fil-festa tar-raħal ma kien joħroġ magħha. Tgħid ukoll li l-ftit li siefru flimkien wara ħafna qrid tagħha, dejjem irnexxielu jħassar il-gost. Tixhed li l-bieb tal-kamra tas-sodda qatt ma ried jagħlqu u li spiċċaw li biex jagħnlu s-sess riedu jmorru fil-*flat* ġo _________, meta jrid u meta jkollu aptit hu.

Tgħid li l-hena tiegħu kien dejjem li jumiljaha u li jħossu aqwa minnha għax hu l-kmand. Tgħid li komunikazzjoni kien hemm biss biex jordna biss. Tgħid li ried juri li hu xi raġel eżemplari kemm ma' tal-familja u anke mal-barranin u li hi dejjem ħbiet għax kienet tibża' minnu u ma rieditx turi 'l ħadd f'hiex qiegħda.

Tgħid li meta żewġha sab il-messaġġi hi ċċassat u xxokkjat ruħha x'ħin rathom. Tgħid li vera kienet tħossha mwarrba u ddisprasta biex waslet biex kitbithom u li dawn messhom servew lil żewġha ta' *"alarm"* biex jifhem kemm kienet qed tħossha waħidha. Tgħid li lilha qatt ma attirawha n-nisa. Tgħid li C hi mara tal-affari tagħha u li ma' din il-mara għandha ħbiberija platonika.

A rigward il-fatt li żewġha jgħid li hi u C kienu jmorru ________ għall-intenzjonijiet ħżiena, tgħid li l-ftit drabi li marru, kienu biex jaħdmu fuq il-*Final Annual Report tal-Comenius Project* fuq l-i*School Development Plan*. Tgħid li l-pożizzjoni ta' C f'ħajjitha kienet li għinitha biex ma tiddisprax fis-sitwazzjoni li kienet u dan billi rnexxielha tressaqha lejn Alla u dejjem ħeġġitha biex titlob. A rigward safar, tgħid li hija l-koordinatur tas-sitt skejjel li huma parteċipi fil-Proġett tagħhom tal-*Comenius* u li kull meta siefret, ħlief għal darba, dejjem fuq xogħol ma' kollegi marret u dejjem fl-istess kamra qagħdu.

Tgħid li t-tfal dawwarhom kontra tagħha għax magħhom inbidel u jħallihom jagħmlu li jridu u jagħtihom kollox. Tgħid li għamlilha l-kundizzjonijiet (fol. 147 – Dok. 8). Tgħid li wara li żewġha sab il-messaġġi għamel minn kollox biex jumiljaha. Tgħid li żewġha qal li għamel minn kollox biex iżomm il-familja flimkien, pero’ dan ried jagħmlu billi lilha taha l-kundizzjonijiet (fol. 147 – Dok. 8). Tgħid li hu ried ikompli jkun il-kmand u hi l-iskjava.

Tgħid li żewġha ried jaqtagħha mill-familja u li l-ewwel beda meta kellhom tieġ tat-tifla t’oħtu u għalkemm hi ħarġet sehemha mir-rigal qalilha biex ma tmurx għax hu kien parti mill-familja. Tgħid li beda jagħmel ix-xirja għalih u għat-tfal u ħallew in-nota biex hi ma tmiss xejn.

Tgħid li t-tfal qegħdin jixhdu kontra tagħha għax żewġha sar jagħtihom u jikkuntentahom f’kollox. Tgħid li dejjem xtaqet tgħix ħajja kwieta ma’ żewġha u wliedha, għalhekk kienet tipprova tikkalma s-sitwazzjoni anke f’mumenti diffiċli.

Tgħid li issa bdiet toħroġ u tħossha qed tibda tgħix. Tgħid li jekk issib ruħha waħedha miegħu, żewġha jara kif jipprova jipprovokaha u allura tara x’tagħmel u titlaq ’il barra jew inkella jsib xi skuża biex iqajjem xi argument u jibda jhedded li jew ihalliha b’xejn jew joqtolha.

Rigward safar tgħid li kemm ilhom f’din is-sitwazzjoni siefret fuq xogħol ma’ kollegi differenti u li meta siefret fil-vaganzi tal-Għid kienu erba’ kollegi flimkien u marru ġo skola fid-Danimarka. Tgħid li għamlet żewġ safriet oħra li ma kellhomx x’jaqsmu mal-iskola u li dawn kienu fil-Milied u l-Għid ta’ wara għax ma riditx tkun id-dar f’dawn il-festi. Tgħid li d-darbtejn marret ma’ grupp ta’ ’l fuq minn 50 ruħ, darba marret ma’ Ms. C u darba oħra ma’ oħtha ______.

Rigward il-*flats* fil-________, tgħid li l-verita’ hi li żewġha ried li ibiegħhom u saħansitra kien ikkuntattja aġenzija. Tiċħad li għandha flus li qatt ma qaltlu bihom. Tgħid li dan qatt ma setgħet tagħmlu għax hu dejjem kellu kontroll assolut fuq flushom.

Tgħid li t-tort tat-tifrik taż-żwieġ tagħhom hu tar-ras iebsa u l-karattru awtoritarju u vjolenti tiegħu kif ukoll l-indifferenza u l-egoiżmu tiegħu għax hu dejjem ried ikun il-kmand u t-terrur tal-familja. Tgħid li interess fin-nisa qatt ma kellha. Tgħid li kienet iddisprata u ma kellha lil ħadd ma' min tiftah qalbha u li billi fit-telefonata qalet lil Ms. C li tħobbha dan ma qalitux fis-sens li mara tgħidu lil raġel imma qalitu wara li kienu separati fid-dar u hi kienet tieħu paċenzja tisma' l-problemi li għaddiet minnhomm f'kemm ilha miżżewġa. Tgħid li thobb u tirrispetta lil Ms. C għax hija mara tajba u ħabiba ta' veru u xejn iktar.

(a) Rigward manteniment, introjtu u pretensjonijiet tgħid li għandu jibqgħalha dritt li tiret lill-żewġha.

(b) Rigward kommunjoni tal-akkwisti, tgħid li l-immobbli huma s-segwenti:

(i) Dar matrimonjali f'___________;
(ii) *Flat* f'____________;
(iii) *Garage* u żewġ *flats* f'____________.

Taqsam il-mobbli fis-segwenti:

(iv) Tliet vetturi;
(v) Kontijiet il-Banek;
(vi) Investimenti;
(vii) Flus li għandu jieħu żewġha meta jirtira a bażi tas-snin kollha li ħadem tul iż-żwieġ tagħhom.

(c) Tippropроni s-segwenti:

(i) Tieħu l-flus parafernali Lm24, 197;
(ii) Tieħu affarijiet li xtrat qabel iż-żwieġ u li tatha ommha;
(iii) Il-flus tal-komunjoni jinqasmu indaqs. Tgħid li għandhom jinqasmu ċ-*cheques* li għandha hi kif ukoll dawk li għandu żewġha u l-flus li hemm il-Bank;
(iv) Hi jmissha Lm8,471.26;
(v) Ma taqbilx li hu jieħu d-dar f'__________.
(vi) Tgħid li bejn il-valur tad-dar matrimonjali (Lm190,000) u tal-proprjeta' l-oħra kollha f'daqqa

(Lm119,000 + Lm37,000) hemm differenza ta' Lm34,000. Tgħid li hekk żewġha jrid id-dar, hi lestha li taċċetta dment li jagħtiha nofs il-valur tagħha fi flus. Rigward il-*flats*, tgħid li dawn għandhom jinbiegħu u l-flus jinqasmu bejn tnejn.

(vii) Il-mobbli jinqasmu nofs bin-nofs.

(viii) Tieħu l-vettura _________ u żewġha jżomm il-_______ u l-_______.

27. Fl-affidavit risponsiv u fl-affidavit ulterjuri tagħha, il-konvenuta tgħid li skond l-attur iż-żwieġ tagħhom qatt ma kellu problemi. Tgħid li dan huwa veru mill-*punto di vista* tal-attur għax hi dejjem kienet taġixxi lejh b'imħabba u rispett. Tgħid li issa saret qed tgħix għax m'għadhiex tgħix taħt id-dittatura tiegħu. Tgħid li kienet tieħu l-*lugagge* għand oħtha għax taf kemm jista' jkun vjolenti żewġha jekk jitlagħlu. Tikkonferma li siefret ma' diversi nies kemm qabel u anke wara li bdew il-kawża. Tgħid li ħafna drabi siefret fuq xogħol u xi drabi vaganza. Rigward is-*safe* tal-Bank of Valletta, tgħid li meta marret biex iġġib li kellha fis-*safe*, ma kienet taf b'ebda sekwestru. Tgħid li lilha ħadd avżaha. Tikkonferma li lil ħabiba oħra tal-qalb, li hi Għawdxija, qaltilha li issa taf li qed tgħix għax tħoss li hu persuna kompleta. Tgħid li qabel kienet dejjem taħt il-poter tiegħu: kollox isir x'hin, meta u kif irid hu. Tgħid li dak li qal żewġha fuq il-*flats* tal-_________ huwa kollu gideb għax dan hu kien ried ibiegħhom u ma kienux tawh kemm talab.

Tgħid li ħarġet aktar flus mill-attur biex bnew id-dar. Tgħid li l-paga dejjem faddlitha għax kienet tagħti ħafna privat u dana bdiet tagħmlu mindu spiċċat mill-kulleġġ u kien ikollha ħafna tfal imorru fi gruppi differenti. Tgħid li ħadmet u faddlet kemm felħet għalhekk kellha Lm6,000 imfaddla. Fl-affidavit tagħha tgiddeb lill-attur f'diversi punti. Tgħid ukoll li ____________ lill-attur ħadd ma jafu għax qatt ma ħareg magħha. Tgħid li jekk in-nies ikellmuh, jissuspetta għax kellmuh, jew jekk jieqfu mid-diskussjoni jaħseb li qed jitkellmu fuqu. Tgħid li dan juri l-karattru suspettuż tal-attur.

28. Fl-affidavit responsiv tal-konvenuta għat-*tapes* ppreżentati mill-attur, il-konvenuta tgħid li t-*tapes* li ressaq

l-attur huma editjati u żewġha qata' dak li jaqbel lilu. Tgħid li Ms. C kienet tgħinha billi għamlitilha l-karti tal-bank ġo *files* u żammithomlha għal ftit. Tgħid li kienet tagħmel il-kopji tal-korrispondenza tal-bank biex setgħet tagħti lir-raġel l-oriġinali. Tgħid li fejn qalet li tieħu l-flus mod ieħor u tosfor Lm300, dan kien kliem biss, għax kienet irrabjata u fil-fatt dan qatt m'għamlitu. Tgħid li semmiet li ħadet pjaċir tarah jaħsel għax qabel hu qatt m'għamel xejn u dejjem jitgħajjar li kien jagħmel kollox hu. Tgħid li rigward il-fatt li ħadet xi affarijiet bħal karawett, xi patata u xi basla, dawn huma ħmerijiet għax l-affarijiet li tixtri hi hemm ikunu u qatt ma qalet xejn jekk rat xi ħaġa nieqsa. Tgħid li a rigward li tinstema' titkellem xi ftit bil-Malti pur illi hi wżatu biss meta s-separazzjoni tagħhom kienet għadha fil-bidu ħlief dispetti mingħandu ma kienitx tara, għax kienet irrabjata u mweġġa'. A rigward fejn tinstema' tgħid li hi u Ms. C kienu sejrin fil-*garage*, tgħid li dan huwa l-*garage* tal-familja tagħha u li hu wżat bħala *store*. Tixhed li ġo dan il-*garage* marret biss xi darbtejn biex twassal lil Ms. C sabiex iġġib il-valiġġa meta kienet tkun ser issiefer. Tgħid li r-*recordings* huma kollha editjati u repetuti wkoll.

29. Fl-affidavit tagħha, _____ *omissis* ____, tgħid li taħdem bħala *Kindergarten Assistant* fl-iskola __________. Tgħid li ilha taf lill-konvenuta mill-1999, ċioé minn meta marret l-iskola bħala *assistant head.* Tiddeskrivi lill-konvenuta bħala bniedma ħabrieka, enerġetika, ħafifa fuq xogħolha, ma taqtax qalbha. Tgħid li fuq ix-xogħol, il-konvenuta hija bniedma serja u li hija tiddedika parti mill-ħin liberu tagħha għall-ħtiġijiet tal-iskola, taħdem flimkien mal-kap tal-iskola fl-ippjanar extra-kurrikulari. Tgħid li l-konvenuta kienet il-ko-ordinatur tal-Proġett *Comenius* u li kienet hi li ħaditu f'idejha, tagħtu l-ħajja u mexxietu u għamlet minnu suċċess li għolla ħafna l-profil tal-iskola. Tgħid li l-konvenuta kienet dejjem minn ta' quddiem biex toffri s-servizzi tagħha u ħafna għalliema kienu jagħmlu l-istess fuq l-eżempju tagħha.

Tgħid li r-raġel tal-konvenuta qatt ma kien preżenti fl-okkażjonijiet li kien ikollhom l-iskola għalkemm l-irġiel ta' l-għalliema kollha kienu jkunu mistiedna.

30. Fl-affidavit tiegħu, _____ *omissis* ____, ħu l-konvenuta, jiddeskriviha bħala mara bil-għaqal li taħdem u tistinka kemm tiflaħ għall-familja. Jgħid li meta kienu jitilgħu għas-Sajf fil-*flat* ta' __________, ġie li ltaqa' ma' oħtu li kienet tkun waħidha jew mat-tifla imma r-raġel tagħha qatt ma kien ikun magħha għax kienet tgħid li jiddejjaq joħroġ. Fil-*Prize Day*, meta t-tifla tal-partijiet kienet tieħu sehem, dejjem lill-konvenuta waħedha kien jara preżenti. Jgħid li oħtu dak li tagħmel tagħmlu bil-qalb u li hi ħadmet kemm felħet biex bniet id-dar matrimonjali. Jgħid li hi nefqet kollox biex il-partijiet bnew id-dar. Jgħid li lill-attur ma tantx jafu għax ma tantx kellu ċans ikellmu. Jgħid li ġieli ltaqgħu l-familja kollha flimkien u l-attur ma kienx imur għax skond il-konvenuta kien ikun qed jara t-*television*, jew jekk imur, jitlaq wara ftit.

31. Fl-affidavit tagħha, _____ *omissis* ____, oħt il-konvenuta tgħid li l-konvenuta hija mara bil-għaqal li dejjem ħadmet għall-familja. Tgħid li oħtha ħarġet il-flus għall-bini tad-dar matrimonjali kollha hi. Oħtha kienet tagħti l-privat. Tgħid li hi ġieli stednithom għandha imma l-partijiet ma tantx kienu jistednuhom. Tgħid li oħtha kienet tagħmel minn kollox biex huma ma jkunux jafu kemm kien l-attur jheddidha u jkisser fid-dar. Tgħid ukoll li fejn jidħlu t-tfal, dejjem il-konvenuta ħadet ħsiebhom u ħsieb l-edukazzjoni tagħhom. Tgħid li l-attur qatt ma kien imur imkien magħha la għal *"parents' day"* u anqas fil-*"prize day"*. Tgħid li safar ma riedx jaf bih u li kien hu li kien iħeġġeġ lil oħtha biex issiefer ma' ħaddieħor. Tgħid li oħtha qatt ma kienet toħroġ ħlief biex imorru għand ommu jew għand ħuh. Tgħid li l-attur dejjem moħħu biex jara t-*television*. Tgħid li oħtha issa sabet ħbieb ma' min toħroġ. Kienet hi li suġġeriet lill-konvenuta biex tiftaħ *"safe deposit"* il-Bank għax l-attur kien qalbilha kollox ta' taħt fuq u beżgħet li seta' jeħdilha wkoll l-aħħar ftit flus parafernali illi kellha. Tgħid li l-konvenuta ġieli lmentat magħha li żewġha qatt ma kien ikun irid jeħodha mkien u ġieli wkoll uriet li kien jiddispjaċiha li hu ma kienx ikun magħha meta ssiefer biex ikunu jistgħu jieħdu gost flimkien.

32. _____ *omissis* ____, fl-affidavit tagħha, ħabiba u ex-kollega tal-konvenuta, li ilha tafha għal madwar għoxrin sena, tiddeskrivi lill-konvenuta bħala għalliema tajba u li tieħu xogħolha bis-serjeta'. Tgħid li l-konvenuta kienet dejjem lesta biex toffri l-għajnuna tagħha f'kull ma jkun hemm bżonn u li xogħolha dejjem tagħmlu bil-qalb. Tgħid li dejjem kien moħħha fiż-żewġ ulied tagħha. Tgħid li kien ikollha tmur għall-*parents' day* jew għall-*prize day* weħidha għax ir-ragel tagħha ma kienx imur magħha. Tixhed ukoll li meta fis-Sajf kienu jitilgħu ________, żewġha qatt ma kien irid joħroġ passiġġata magħha fil-għaxija. Tgħid li l-konvenuta kienet tagħmel ix-xogħol tad-dar u li l-attur ma kien iħobb jagħmel xejn minn dak li kienet tiehu gost bih il-konvenuta. Tgħid li kemm ilhom bil-kawża tas-separazzjoni il-partijiet, il-konvenuta saret toħroġ ma' xi ħbieb u hi waħda minnhom. Tgħid li siefret kemm-il darba ma' B. Tgħid li l-attur ma kienx ikun irid isiefer u jekk kienet tixtieq tmur *holiday* kien jgħidilha biex issib lil xi ħabiba u tmur magħha.

33. _____ *omissis* ____, omm il-konvenuta, fl-affidavit tagħha, tgħid li bintha l-konvenuta tmur taraha kuljum meta tkun fis-sezzjoni tar-Respite f'St. Vincent De Paule. Tgħid li ssib lill-konvenuta għal kollox u li l-konvenuta tagħti sehemha għax forsi xogħol tagħha jippermetti aktar. Tgħid li xi żmien ilu tat lil uliedha Lm1,000 kull wieħed għax ħasset li ħaqqhom. Tiddeskrivi lill-konvenuta bħala mara bieżla ħafna, soċjevoli u tħobb toħroġ u tiltaqa' man-nies. Tgħid li bintha reġgħet bdiet taħdem wara li żewġha kien ddeċieda li ried jibni fuq. Tgħid li bintha kienet tagħti l-privat. Tgħid ukoll li bintha kienet tixtri, issajjar u li malli kien jasal l-attur mix-xogħol, is-sitwazzjoni kienet tinbidel. Tgħid li l-attur ma kienx ikompli tħalliha ssajjar lill-konvenuta għax dejjem kien ikun irid jindaħal hu. Kien jgħidilha li ma kienitx kapaċi. Tixhed ukoll li l-attur, kemm mal-konvenuta kif ukoll mat-tfal, kien żorr ħafna. Tgħid li kemm-il darba semgħu jgħidilha kemm lilha (lill-konvenuta) kif ukoll lit-tfal: *"Hawn isir li ngħid jien. L-aħħar kelma jien ngħidha".*

34. _____ *omissis* ____, Assistent Direttur tal-Human Resources tad-Diviżjoni tad-Dwana ġie mitlub mill-

konvenuta sabiex jippreżenta u jixhed rigward il-P3's tal-attur. Ippreżenta l-P3's tal-aħħar 4 snin, ċioé mis-sena ta' stima 2005 sa 2008. Dawn ġew esebiti bħala Dok. "PG 1" sa "PG 4".

Jixhed li l-attur, bħala salarju, skond kif jirriżulta minn Dok. "PG 4", ċioé il-*basic salary* tal-2007, jirċievi s-somma ta' Lm8,968.18 f'sena. Bħala *allowance* fis-sena 2007 kien hemm Lm2,393.25. Dawn l-*allowances* jinkludu *travelling expenses* u *subsistence allowance*. Rigward *subsistence allowance* din tkun f'każ illi Vella jkun ħadem xogħol barra mid-dipartiment, ikun mogħti tali *allowance*. Apparti l-*basic salary* u *allowance*, hemm ukoll l-*overtime* li għas-sena 2007 kien jammonta għal Lm1,752.53. L-ammont globali għas-sena 2007 riċevut mill-attur kien ta' Lm13,113.96. Jirriżulta mill-erba' dokumenti, illi l-*overtime* ġie mħallas lill-attur peress illi dan kien wieħed regolari.

Rigward somma li l-attur ikun intitolat għaliha meta jirtira, jgħid li l-proċedura hi li l-persuna tapplika 3 xhur qabel ma jirtira u d-dokumenti jintbagħtu t-Teżor fejn tinħadem il-pensjoni. Din il-pensjoni hija kalkolata a bażi ta' tul ta' snin mogħti bħala servizz mill-individwu.

In kontro-ezami jaqbel illi l-*overtime* hija prerogattiva tal-*employer*. Jgħid li l-attur ikun intitolat għal: (a) pensjoni tat-teżor li hija l-*full pension* – jew inkella (b) il-*commuted pension* li tikkonsisti fil-*gratuity*, li hija somma li tinħadem mit-teżor skond il-paga li jkollu, u d-differenza hija pensjoni kull xahar. L-attur għandu żewġ għażliet: (a) jew jieħu l-pensjoni sħiħa, *full pension*, ċioé f'pagament mensili, jew inkella (b) jieħu parti somma sħiħa li hija *gratuity* u l-kumplament tkun pensjoni fix-xahar. Din hija deċiżjoni li għandu jieħu l-attur Vella. Għandu jiddeċiedi 3 xhur qabel ma jasal għall-eta' tal-irtirar. Apparti din l-għażla li jkollu jagħmel Vella, ikun intitolat għal pensjoni tas-*social security*, ċioé dik magħrufa bħala tal-bolol.

Ġie mitlub jgħid kemm ilu mpjegat mal-Gvern l-attur u jgħid li fl-14 ta' Mejju 1969 daħal bħala *clerk typist* l-Education Department, u wara fil-21 ta' Lulju 1975 daħal id-Dwana bħala *"Landing and Warehousing Officer"*. Il-

*present appointment* tiegħu huwa dak ta' prinċipal li ġie b'effett mill-1 ta' Jannar 1991. Jgħid ukoll illi għalkemm l-attur kellu l-kariga ta' prinċipal kellu *progressions* minn skala għall-oħra fis-salarju. Jgħid illi fl-1 ta' Jannar 1991, l-attur beda skala 10, li hija l-iktar skala baxxa bħala prinċipal; fl-1 ta' Jannar 1993, tela' skala 9, fl-1 ta' Jannar 2001 tela' skala 8 u fl-1 ta' Jannar 2003 tela' skala 7. Laħaq il-*maximum* ta' skala 7 fl-1 ta' Jannar 2005. Jixhed li dawn l-iskali jintlaqgħu fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kap tad-Dipartiment. M'hijiex xi ħaġa awtomatika li titla' *scale*. Jaqbel illi tul iż-żwieġ l-attur ħallas kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali lejn il-pensjoni. Din titħallas fix-xahar mill-paga.

**TORT**

Kif ġia' ingħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attur jibbaża l-aktar it-talba tiegħu fuq il-fatt illi kien skopra numru ta'messaġġi telefoniċi bejn il-konvenuta u ċerta C li kienet il-kap tal-iskola fejn taħdem il-konvenuta bħala kap assistent. Il-Qorti taqbel illi dawn il-messaġġi jindikaw relazzjoni speċjali bejn il-konvenuta u l-imsemmija C; dan għalkemm il-konvenuta dejjem ċaħdet li kellha relazzjoni sesswali ma' xi ħaddieħor. L-istess C qalet meta xehdet illi għalkemm kien minnu illi rċeviet dawn il-messaġġi kienet widdbet lill-konvenuta biex ma tibgħatx aktar messaġġi simili, u li din kienet tgħidilha biex ma tagħtix każhom għaliex ma kienu xejn. Il-Qorti ma tikkondividix dan u lanqas ma ġiet konvinta mill-konvenuta li ma kien hemm xejn bejnha u l-persuna msemmija u għalhekk tħoss li jekk ma ġiex ipprovat adulterju, żgur dan kien jammonta għal inġurja gravi. Dan il-konvinċiment jikber meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni t-telefonati li saru bejn il-konvenuta u l-persuna msemmija.

Mill-banda l-oħra l-attur m'għandux xi karattru faċli li wieħed jgħix miegħu. Biżżejjed wieħed jara l-lista li għamel biex jaħfer lill-konvenuta; l-ewwel kondizzjoni kienet li tinżel għarkubbtejha quddiemu u titolbu maħfra! Ried ukoll li l-konvenuta ma jkollhiex telefon ċellulari f'idejha u li ma jkollhiex iktar minn ċertu ammont ta' flus f'idejha. Dan meta l-istess konvenuta hija mpjegata bħala għalliema u ilha taħdem għal ħafna snin. Kollox ma'

kollox, *padre padrone* għalkemm ma jidhirx li qatt irrikorra għal vjolenza fiżika.

Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali f'dan l-aspett billi tikkondividi l-konklużjoni tiegħu illi l-partijiet jaħtu t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu f' '*sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'. ("Caterina Agius vs Benedict Agius" – Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967)*. Il-Qorti jidrilha pero' li filwaqt li l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' nġurji gravi għar-raġunijiet ġja' msemmija, l-attur kisser għal kollox il-possibbilta' li l-partijiet setgħu jirrikonċiljaw mill-mod kif ġab ruħu għal numru ta' snin fil-konfront tagħha bl-attitudni goffa u awtoritarja tiegħu (għalkemm kif ingħad, qatt ma eżerċita vjolenza fiżika). Dan kollu l-Qorti setgħet faċilment tikkonstatah mill-mod kif xehdu quddiemha l-partijiet. L-attur ukoll ma jistax jifhem illi fir-rigward tal-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti il-konsegwenzi tat-tort għat-tifrik taż-żwieġ huma ftit li xejn illum il-ġurnata. F'dan il-każ, peress li l-konvenuta taħdem ukoll anke li kieku l-każ kien qed jiġi deċiż qabel l-emendi tal-1993, l-eżitu f'dan ir-rigward kien ikun l-istess. Madankollu billi fil-kumpless il-konvenuta għandha tort akbar dan se jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

Mill-ġbir tal-provi rriżultaw dawn l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

Beni immobbli:

- Dar matrimonjali ___________________ stmata Lm190, 000 mill-espert tekniku;

- Garage jismu _____, u żewġ *flats* _____stmati Lm119, 000;

- *Flat* _________________ stmat Lm37, 000;

Beni mobbli:

- Vettura __________ skond l-attur tiswa Lm200 – fil-mori tal-kawża pero' din ġiet skrappjata.

- Vettura _____________ skond l-attur tiswa Lm1,500;

- Vettura ______________ skond l-attur tiswa Lm1,800;

- Kontijiet bankarji u investiment lokali u esteri;

Stranament ma saret ebda referenza għal mobbli li hemm fid-dar konjugali.

L-attur kien kritiku ħafna għall-istimi li saru mill-espert tekniku madankollu l-Qorti se tadotta dawn l-istimi għaliex huwa naturali li għandha timxi fuqhom u mhux fuq dawk *ex parte*, sakemm jirrikorru xi ċirkostanzi straordinarji illi ċertament m'humiex preżenti f'din il-kawża. Jidher li hemm qbil ġenerali (kif issuġġerixxa l-Perit Legali) li l-attur għandu jżomm id-dar konjugali u l-konvenuta l-proprjetajiet l-oħra u b'dan il-mod l-attur ikollu jħallas bħala ekwiparazzjoni s-somma ta' Lm17,000. Naturalment fin-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom il-partijiet għamlu diversi talbiet għall-kumdita' tagħhom li l-Qorti ma tistax tikkunsidra. L-attur per eżempju jippretendi illi jżomm id-dritt li jgħix fid-dar konjugali. Il-Qorti pero' għandha tagħti dan il-provvediment f'kazijiet fejn ma jistax isir mod ieħor, u ħafna drabi għall-protezzjoni tal-minuri. F'dan il-każ tista' ssir qasma komda tal-proprjeta' u m'hemmx tfal żgħar. Il-konvenuta da parti tagħha tippretendi li tingħata ż-żmien biex issib x'imkien ieħor fejn toqgħod, iżda l-Qorti tħoss li b'dan il-mod tkun qed ittawwal l-agunija ta' żwieġ li falla.

L-attur isuq il-_______ u għalhekk din se tiġi assenjata lilu, filwaqt li l-konvenuta ________, u allura jrid iħallasha wkoll Lm150 oħra għall-istess raġuni. B'kollox dawn jammontaw għal (Lm17,000 + Lm150 = Lm17,150 li jiġu ekwivalenti għal €39,948.75). Il-kontijiet bankarji,

investimenti kemm lokali u kemm esteri kollha għandhom naturalment jinqasmu fi kwoti ugwali.

**PROPRJETA' PARAFERNALI U ALLEGAZZJONIJIET TA' TEHID TA' FLUS U OĠĠETTI OĦRA.**

Saru diversi allegazzjonijet da parti tal-attur li l-konvenuta ħadet xi flus mid-dar konjugali, u partikolarment li żvujtat *safe deposit box* li kienet f'isimha, *nonostante* l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru li kien veljanti. Kif sewwa rrimarka pero' l-Perit Legali, l-attur ma ġab ebda prova konvinċenti dwar x'kien fih dan is-*safe deposit box*. Huwa ċert illi l-konvenuta għamlet kif qal l-attur, iżda ladarba l-Qorti ma għandha ebda ndikazzjoni ta' x'ħadet ma tistax tagħti provvedimenti  fir-rigward.

Fir-rigward tat-talba tal-konvenuta biex tiġi restitwita l-proprjeta' parafernali tagħha hija esebiet lista mal-affidavit tagħha. Ma nġiebu ebda provi konkreti fir-rigward. Huwa ċert pero' li l-konvenuta ħadet somma likwida maż-żwieġ tagħha billi ġia' kienet impjegata mal-Gvern; hija qalet li din kienet ta' *circa* Lm2,000 għaliex billi għadda ż-żmien ma tiftakarx eżatt; il-Qorti għalhekk *arbitrio boni viri* se tordna li hija tiehu s-somma ta' €4,000. Dwar it-talba tagħha biex tieħu lura Bambin ta' Spanja, sett tal-kafe u Kenwood li kienu rigal ta' ommha m' hemmx kontestazzjoni.

**MANTENIMENT**

Huwa ċar minn dak li ġia' ingħad li m'hemm ebda lok li xi parti tiġi ordnata tħallas manteniment. Dan għaliex barra milli l-partijiet it-tnejn għandhom dħul sodisfaċenti, it-tnejn tilfu d-dritt li jirċievuh.

**DEĊIŻJONI**

**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi din il-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort prinċipali tal-konvenuta, u tort iktar minuri tal-attur;**

**2. Tiċħad it-tieni talba billi infondata;**

**3. Tilqa' t-tielet talba;**

**4. Tilqa’ r-raba’ talba;**

**5. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tassenja lill-attur id-dar konjugali numru ______________________ u lill-konvenuta l-garage u żewġ appartamenti _________, u l-appartament _________ fuq imsemmija; lill-attur il-vettura ______ numru _________ u lill-konvenuta l-vettura __________; jekk dan għadu ma sarx il-partijiet għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom għall-iskrappjar tal-vettura __________ u jekk tinbiegħ ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet indaqs. L-attur għandu jħallas lill-konvenuta fuq il-kuntratt is-somma ta’ disgħa u tletin elf, disa’ mija u tmienja u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€39,948.75) bħala ekwiparazzjoni; il-kontijiet kollha bankarji f’isem il-partijiet konguntivament jew waħedhom, bonds u investimenti oħra kollha f’ Malta fl-istess ismijiet, u ċioe’ il-kont fil-bank HSBC _________ u _________ u dawk fi sterlina bin-numri _________ u ________ u ___________; u mal-Bank of Valletta numri ________ u _____________ u ___________ u __________ u __________ u ___________; l-istocks tal-Gvern li jagħlqu fl-2014 u 2018, kif ukoll il-kontijiet kollha esteri (komprizi dawk ta’ Lloyds kont numru ________, u Barclays Bank kontijiet numri ________ u _________, iżda wkoll xi oħrajn li jistgħu jirriżultaw eventwalment) f’isem il-partijiet (kemm konġuntivament u kemm f’isem xi ħadd minnhom) għandhom jinqasmu bejn il-partijiet f’ishma ndaqs; taħtar lin-Nutar Dottor Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-att relattiv u l-Avukat Dottor George Buttiġieg bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji; f’każ li l-attur ma jħallasx is-somma msemmija (*oltre* dik li jiġi ordnat iħallas fil-kontro-talba) fuq l-att kif ordnat, għandha tiġi skritta favur il-konvenuta ipoteka speċjali fuq il-fond assenjat lill-attur u f’dak il-każ il-ħlas għandu jsir fi żmien sitt xhur. Il-kuntratt għandu jsir fuq talba ta’ xi ħadd mill-partijiet jew min-Nutar imsemmija u l-ispejjeż tiegħu għandhom jitħallsu mill-partjiet f’ishma ndaqs.**

**6. Tilqa s-sitt talba.**

**7. Tilqa s-seba’ talba;**

**Fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuta:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b'tort taż-żewġ partijiet, iżda prinċipalment tal-konvenuta stess;**
**2. Tilqa' it-tieni talba;**
**3. Fir-rigward tat-tielet talba tiddeċiedi kif ġia' deċiż fir-rigward tar-raba' talba tal-attur;**
**4. Tastjeni milli tiddeċiedi dwar ir-raba' talba billi ma hemmx lok għaliha;**
**5. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) *oltre* l-Bambin ta' Spanja, sett tal-kafe u Kenwood fuq imsemmija.**
**L-ispejjeż tal-kawza kollha u ċioe' fir-rigward tat-talba tal-attur u fir-rigward tal-kontro-talba jitħallsu żewġ terzi mill-konvenuta u terz mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------